# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-18 ta' Ġunju 2008

## li temenda d-Deċiżjoni 2006/415/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 ta' patoġeniċità għolja ħafna fit-tjur tal-Komunità

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2701)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/543/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intrakomunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intrakomunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 63(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2005/94/KE tistipula ċerti miżuri preventivi dwar is-sorveljanza u l-iskoperta kmieni ta' l-influwenza tat-tjur u l-miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati fil-każ li din il-marda tfaqqa' fit-tjur jew f'għasafar maqbudin oħrajn. Din tipprevedi li jridu jiġu stipulati regoli dettaljati, hekk kif meħtieġ mill-qagħda epidemjoloġika sabiex tissupplimenta l-miżuri minimi ta' kontroll previsti f'din id-Direttiva.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 ta' patoġeniċità għolja ħafna fit-tjur tal-Komunità u li tħassar id-Deċiżjoni 2006/135/KE [4] tistipula ċerti miżuri ta' protezzjoni biex ikunu applikati sabiex tkun evitata l-firxa ta' dik il-marda, fosthom it-twaqqif ta' żoni A u B wara tifqigħa suspettata jew konfermata tal-marda. Dawn iż-żoni huma elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2006/415/KE u attwalment jinkludu partijiet mill-Ġermanja u mill-Polonja. Fil-preżent din id-Deċiżjoni tapplika sat-30 ta' Ġunju 2008.

(3) Minħabba li jeżisti riskju kontinwu ta' tifqigħat ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 ta' patoġeniċità għolja ħafna fil-Komunità, il-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni 2006/415/KE għandhom jinżammu sabiex jiġu użati fejn dan il-virus jinstab fit-tjur, biex b'hekk jissupplimentaw il-miżuri stipulati fid-Direttiva 2005/94/KE.

(4) Meta titqies il-qagħda epidemjoloġika attwali b'rigward għall-influwenza tat-tjur fil-Komunità, huwa xieraq li l-perjodu ta' l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/415/KE jiġġedded sat-30 ta' Ġunju 2009.

(5) Il-Ġermanja u l-Polonja għarrfu lill-Kummissjoni li, minħabba l-qagħda favorevoli tal-marda fit-territorju tagħhom, ma għadhomx japplikaw il-miżuri ta' protezzjoni b'rigward għal tifqigħat ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 ta' patoġeniċità għolja ħafna. Għalhekk il-miżuri stabbiliti skond l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2006/415/KE għaż-żoni A u B f'dawn l-Istati Membri ma għadhomx meħtieġa.

(6) Id-Deċiżjoni 2006/415/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33).

[2] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

[3] ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.

[4] ĠU L 164, 16.6.2006, p. 51. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2008/70/KE (ĠU L 18, 23.1.2008, p. 25).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2006/415/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 12, id-data "30 ta' Ġunju 2008" tinbidel bi "30 ta' Ġunju 2009".

(2) Fil-Partijiet A u B ta' l-Anness, jitneħħa t-tagħrif dwar il-Ġermanja u l-Polonja.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2008.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*